## IT-TALB TAGĦNA - 3

Nisrani li ħaqqu dan l-isem idaħħal it-talb lil Alla u lill-Madonna fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Għalhekk tajjeb li nrawmu lilna nfusna fil-prattika ta' talb regolari f'ħinijiet magħżula tal-ġurnata; ngħidu aħna meta nqumu filgħodu jew inkunu sejrin għax-xogħol; filgħaxija bir-rużarju fil-familja jew fil-knisja; qabel ma norqdu; u b'ġakulatorji qosra (bħal: "Mulej inħobbok", "Tiġi saltnatek", "Mulej Aħfirli", jew parti mill-Missierna jew is-Sliema) imferrxa matul il-ġurnata kollha.

Għandna nfittxu dejjem talb li jagħti glorja 'l Alla u nħallu fil-ħniena tiegħu dak li jkollna bżonn.

Niftakru li kull kuntatt ta' mħabba lejn Alla huwa talb li jogħoġob ħafna lill-Mulej.

Nitgħallmu din it-talba u ngħiduha spiss:

**MULEJ!**
**Lejl u nhar nemmen fik,**
**Lejl u nhar nadurak,**
**Lejl u nhar nittama fik,**
**Lejl u nhar nitolbok maħfra,**
**Lejl u nhar inħobbok**
**Lejl u nhar nitolbok**
**Lejl u nhar f'imħabbtek kollha iġbidni lejk!**

## FTAKRU

Hemm għall-bejgħ Kotba ta' Talb u Kant ippubblikati apposta għall-Laqgħat ta' Talb tal-Girgenti. Ixtruhom. Jinbiegħa 25c il-wieħed.

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtu kontribuzzjonijiet ta' flus għall-ispejjeż tal-fuljett jew għall-bżonnijiet tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 26 APRIL 1996 JITQASSAM BLA ĦLAS

## L-EWWEL PELLEGRINAĠĠ TAL-GIRGENTI GĦAXAR SNIN ILU: 5 TA' MEJJU 1986



Jum sabiħ li jibqa' fl-istorja tal-Girgenti, kien il-5 ta' Mejju 1986, meta skond ix-xewqa tal-Madonna, ittellgħat l-istatwa tagħha fil-għalqa mhux 'il bogħod minn fejn Ġuża Mifsud kienet rat lill-Madonna, fil-wied. Folla kbira wiegbet għas-sejħa ta' Marija Santissima. (Ara ir-ritratt hawn fuq, meħud dakinhar)

Minn dak il-jum qaddis għaddew għaxar snin. Kien hemm min forsi ħaseb li dan kien kollu bluha ta' mara xiħa! Dehret kitba fxi ġurnali fejn, min ma jemminx, ried jaqta' qalb dawk li riedu, u kellhom raġun,

li jemmnu bid-dehriet tal-Madonna, kemm fil-Wied tal-Girgenti u kemm fid-dar ta' Ġuża stess. Il-grazzji li nqalgħu u l-konverżjonijiet li saru jixhdu l-verità ta' dak li qalet Ġuża. Minbarra dan hemm ix-xhieda tal-fenomeni li mijiet minna raw fix-xemx u fis-sema, l-aktar fit-tmienja ta' Ġunju u fil-ħamsa ta' Lulju 1988.

Il-laqgħat ta' kull xahar ma qatgħu xejn u issa qed isiru fl-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar, f'ħin li jbiddel skond l-istaġun. Fil-laqgħa ta' Mejju, kull sena, jiġu ħafna nies għall-pellegrinaġġ li jsir fil-Girgenti. Nittamaw li din is-sena l-attendenza tkun l-akbar li qatt kien hemm! Dan kollu f'ġieħ il-Madonna tal-Konsagrazzjoni!

## Siltiet mid-diskors ta' Ġuża Mifsud, il-Girgenti

### NOVEMBRU 1995

Ġuża qalet, "Il-Madonna qaltli, 'Binti inti minn hawn ġew ma taf xejn imma ħa ngħidlek xi ħaġa żgħira jien. Hawn ħafna nies vjolenti... li qegħdin ineħħu ħajjiet, m'hemmxi rispett, m'hemmx imħabba fuq il-kobor t'Alla, m'hemmx imħabba lejn ħuthom l-oħrajn. Lill-Mulej m'humiex jagħtuh imqar sekonda ta' mħabba, sekonda ta' talb. Minflok, qegħdin jgħaddu ħafna żmien fix-xejn u fid-dnub. Ħa ngħidlek xi ħaġa bħalma ġie li għidtlek fl-imgħoddi li f'kull minuta u sekonda tal-ġurnata quddiem Alla qegħdin jidħru ħafna spirti ta' tfal innoċenti li l-ġenituri tagħhom l-ewwel iġibuhom biex jissodisfaw il-passjoni tagħhom u jmorru kontra l-imqaddsa purità imbagħad ineħħuhom. Binti, jiena tant jiddispjaċini għal dawn l-ispirti ta' dawn it-tfal innoċenti... Imbagħad xi ngħid għan-nies maturi, għal dak il-qtil bl-addoċċ, għal dawk li jikkmandaw il-ġnus li mingħajr ebda rispett jagħmlu dawk l-atti fuq in-nies tagħhom...

Binti, kemm mogħdija ta' żmien hawn fuq ix-xejn. Eluf kbar ta' nies jaħlu ħafna żmien fuq biċċa ballun jew fuq it-television. Għal dawk l-affarijiet dejjem ikollhom żmien imbagħad għall-Mulej ma jkollhomx ħin. Iduru lejn il-Mulej biex jitkellmu ħażin bih u jgħidu li m'għandhomx bżonn lill-Mulej f'ħajjithom..."

Bejn il-Ġimgħa u s-Sibt jiena kont qegħda nagħmel meditazzjoni l-



aktar kbira fuq Ġesù qiegħed ibati... u fejni rajt lil Ġesù bil-kuruna tax-xewk u bis-salib fuqu. Jiena għidtlu, "Ġesù, Ġesù mela inti għadek bix-xewk u bis-salib? Dak ħallih għalija issa."

Ġesù qalli, "Inti għandek minn dak ix-xewk u għandek salib kbir fuqek. Binti, hawn ħafna li jridu jsallbuni mill-ġdid, jinkurunawni bix-xewk, b'dak il-materjal ħażin li għandhom f'ilsienhom illi jitkellmu ħażin kontra l-passjoni u t-tbatijiet li batejt għalihom u għal kulħadd. Bl-affarijiet li jgħidu qalbi jfarrkuhieli. Qabel ma ħadt il-passjoni ħallejt lili nnifsi fl-Ewkaristija iżda dan il-misteru hekk kbir li tani l-Missier tiegħi qiegħed jiġi ddisprezzat. L-Ewkaristija qiegħda tiġi ddisprezzata b'kull mod u b'kull mezz ikrah. Bħalma dejjem għamilt sa issa għid b'dan lil dawk li jifhmuk, lil dawk li għandhom rispett u mħabba lejn l-Ewkaristija mhux biss f'Malta imma kullimkien... Żomm ilsienek nadif u użah b'ħafna kliem sabiħ lejn Missierna li qiegħed fis-sema u lejn dawk in-nies li qegħdin ibatu taħt il-kmand ta' ħaddieħor, li jsammruhom bit-tbatija, b'affarijiet vjolenti, bil-ġuħ, mingħajr djar..."

Għalhekk ħbieb tiegħi nerħu lis-sħaba mudlama li hawn fuq Malta u fuq id-dinja. Ngħidilkom li sas-sena 2000 id-dinja mhix ħa tara ħlief affarijiet koroħ jekk aħna ma nitolbux lil Alla...

### DIĊEMBRU 1995

Waqt din il-laqgħa Ġuża kkundannat it-tgħajjir li jsir anke fost membri ta' l-istess familja minħabba l-politika. Hija qalet, "X'irriduhom dawn l-affarijiet jaħasra! Aħna qegħdin f'linja waħda għaliex qegħdin fil-linja tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni... Għadha ma ssemmietx il-ġurnata ta' l-elezzjoni imma jiena ngħidilkom, in-*number one* agħtuh lill-Mulej Alla, in-*number two* agħtuh lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, in-*number three* agħtuh lill-Ispirtu s-Santu biex iqajmilna l-fidi, in-*number four* agħtuh lill-Madonna, imbagħad l-oħrajn nagħtuhom lil dawk ta' rieda tajba. Lil dawk li huma ta' rieda ħażina, li joqogħdu jitgħajru ma nagħtuhomx għaliex aħna mal-Mulej... Arukaża, imissna nistħu qegħdin ġo Malta, dan it-tgħajjir kollu! Niskandalizzaw lil-ħaddieħor b'dan it-tgħajjir u b'din il-mibegħda u tħarbit...

Għandna nitolbu kemm nifilħu lil kbir Alla u lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, għandna nitolbuhom bil-qima u bil-prudenza kollha, għandna nitolbu lill-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu għaliex jiena naf li l-għajnuna u l-qawwa u d-dawl li jagħti l-Ispirtu s-Santu hawn ħafna li ċaħduhom... U għaliex ma għandniex ngħidulu lill-maħbub Ġesù, agħdirna, aħfrilna u użana biex aktar nagħmlu dak li trid inti milli dak li rridu aħna? Ukoll lis-Sinjura tal-Ħajja għandna ngħidulha kliem ta'

rispett u nużawha bħala omm għażiża... Noqogħdu ħafna attivi għattieni miġja tal-Mulej Ġesù... Alla huwa mmortali, Ġesù huwa mmortali, u għad irridu narawh ġej fuq is-sħab biex aħna nagħtuh kont ta' ħajjitna u kif imxejna ma' ħaddieħor..."

## JANNAR 1996

Waqt din il-laqgħa li saret fl-Epifanija, Ġuża qalet, "Aħna wkoll għamilnieha hawn fuq tas-Slaten Maġi li qbadna ġejna hawn fuq biex nagħmlu żjara lil kbir Alla, lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għal qawwa li qiegħed jagħtina... Aħna għamilna d-doveri tagħna u mbagħad jekk Alla jrid dan nieħdu l-ħlas tiegħu meta jsir il-ħin mingħand il-kbir Alla u mingħand is-Sinjura tal-ħajja...

Jiena ngħidilkom nishru u nitolbu għaliex ma nafux meta mmutu... Il-bravi kollha li hawn jgħidu li lil Kbir Alla ma jafuhx, ma jużawhx, jgħidu li la hemm ix-xjenza ma għandux jibqa' jindaħal il-kbir Alla. U dan diskors? Kif inżilt mill-karrozza jiena bdejt immiss ma' dak it- tapit li hemm mal-ħajt. Min hu kapaċi itella' werqa ta' l-Ingliża minn dak li hemm mal-ħajt?..."

Ġuża mbagħad irringrazzjat lil dawk kollha li bagħtulha l-kartolini fi żmien il-Milied. Hija qalet li minflok ma bagħtet kartolini tat xi quddies għal bżonnijiet ta' dawk kollha li bagħtulha dawn il-kartolini. "Il-quddies aqwa minn kollox għaliex jieħu minnu kulħadd. Tlabt ħafna biex dawn l-affarijiet ikollhom skop ħafna qaddis u spiritwali..."

Aktar tard Ġuża semmiet il-każ ta' missier li mar għandha flimkien ma' bintu u li qalilha, "Issa din it-tifla ħa nżommha miegħi sakemm Alla ħa jagħtiha l-frott tad-dnub li għamlet u mbagħad inkeċċiha 'l barra." Ġuża qaltlu, "Le la tagħmilx hekk. Alla jbierkek aktar tas-sagrifiċċju li tagħmel." Kompliet tgħid, "Noqogħdu ftit attenti għaliex il-Madonna tant kienet tibża' mill-affarijiet impuri. Kollox għandna nagħmlu fil-ħin u bis-sabar... Inżiduha ħbieb il-quddiesa tal-Ħadd, immorru kif għandna mmorru... Jiena ngħidilkom li dari kollox kien dnub, jekk ma tmurx il-quddiesa tal-Ħadd kien dnub mejjet, jekk tonqos mill-affarijiet puri ma kienx sew... Għandna nitolbu ħafna, għandna nirreparaw ħafna għall-bżonnijiet tal-midinbin, għall-bżonnijiet ta' dawk li huma mingħajr il-kbir Alla, ma jemmnux fil-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija..."

---

Ibagħtu l-korrespondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: Editur "Leħen il-Girgenti" Bro. Victor Privitera, F.S.C., Stella Maris College, Gzira.



# MISTOQSIJIET U RISPOSTA

Għalkemm "Malta żgħira u n-nies magħrufa" għad hemm ħafna Maltin u Għawdxin li ma jafu xejn, jew kważi, dwar Ġuża Mifsud u l-Ġrajjiet tal-Girgenti. Kull meta nżur il-post tal-laqgħat ta' talb, kemm nhar ta' Ħadd u kemm matul il-ġimgħa insib nies li jkunu ġew il-Girgenti għall-ewwel darba. Ninduna, għax meta nqassmilhom il-fuljett "Leħen il-Girgenti" juru li ma jkunux jaf x'inhu u jibdew jagħmlu ħafna mistoqsijiet. Nagħżel tlieta minnhom:

**1. Min hi Ġuża Mifsud... veru li hi xiħa daqsxejn iffissata?**

Illum, Ġuża għadha kemm għalqet 73 sena! Imma għandna "sens komun" kbir għalkemm hi bla skola. Minbarra mħabba straordinarja lejn Ġesù Ewkaristija u Maria Santissima, hi mimlija b'karità l-aktar ġeneruża, lesta dejjem li titlob għall-proxxmu u tgħinu kemm tista'. Ġuża qed tbati ħafna u nistgħu nqisuha bħala vittma għad-dnubiet ta' pajjiżna u tad-dinja kollha.

Għal aktar tagħrif fuq Ġuża u l-Ġrajjiet tal-Girgenti hemm kotba ippubblikati kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż.

**2. Hawn, jinqalgħu grazzji?... Isiru mirakli?**

Ġuża ilha li wieġbet għal dawn il-mistoqsijiet. Kemm-il darba tenniet li bil-fidi naqilgħu kull ma għandna bżonn. Il-fidi, kollox! Għandna jkollna fiduċja sħiħa fil-Madonna u nkunu lesti li noqogħdu għar-rieda tal-Mulej.

L-Awtorità tal-Knsija biss tista' tiddikjara li saru mirakli. Imma fil-fuljetti li nippubblikaw kull tliet xhur hemm imsemmi fejqan straordinarju li ħafna jsejħulu "mirakoluż" ta' persuni li tista' torbot fuq ix-xhieda tagħhom. Għandna wkoll ċertifikati ta' fejqan minn tobba serji. S'issa ġew imqassma 25 edizzjoni tal-fuljett "Leħen il-Girgenti" f'dawn l-aħħar sitt snin.

Minbarra l-fejqan tal-ġisem hemm il-fejqan tar-ruħ; konverżjonijiet ta' nies li kienu abbandunaw il-prattika tar-reliġjon għal aktar minn tletin jew erbgħin sena. Għalkemm nafu b'xi

wħud minn dawn il-konverżjonijiet, il-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu magħrufin minn Alla u l-konfessuri biss.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' l-għeġubijiet li rajna fis-sema speċjalment fit-8 ta' Ġunju u fil-5 ta' Lulju 1988. Dawn il-fenomeni huma imsemmija ukoll fil-fuljetti u l-kotba ippubblikat s'issa.

**3. Xi tgħid il-Knisja fuq id-dehriet li kellha Ġuża?**

Il-Knisja hija prudenti ħafna u tieħu ħafna żmien biex teżamina dak li jkun ġara: grazzji, mirakli u dehriet tal-Madonna.

Li nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq hu li l-Arċisqof tagħna hu kuntent ħafna b'dak li qed isir il-Girgenti imma jaħseb li għadu kmieni wisq biex isir eżami uffiċjali ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Ġuża Mifsud u li aħna nsejħu "Il-Ġrajjiet tal-Girgenti".

Nitolbu lill-Madonna biex tnebbaħ lill-Arċisqof biex dan l-eżami ma jdumx ma jsir.

**L-EDITUR**

GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZ ZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI MAQLUGHA GRAZZJI

## GRAZZJI MAQLUGĦA

1. Joe u Violet Mifsud minn tal-Pietà, kif ukoll Miss Doris Calleja minn tas-Sliema, bagħtu kontribuzzjoni ta' flus bħala ringrazzjament tal-grazzji li qalgħu permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

2. Mrs Helen Caruana, minn Birkirkara, għamlet kontribuzzjoni ta' flus biex tirringrazzja lill-Madonna għall-fejqan ta' għajnha.

3. Tereża Degabriele minn M'Xlokk tgħid hekk: "...kif kont fil-kċina nixxotta l-platti, f'daqqa waħda nisma' tifqigħa kbira u parti mis-saqaf niżlet fuqi u fuq il-mejda li kienet ħdejja. Ħafna mill-materjal li waqa' ġie fuq spallti, Li ġie fuq rasi kien joqtolni żgur. Il-mejda xxaqqet fejn ħabat. Għedt "aħseb u ara x'ferita sa titfaċċa fi spallti!" Mort nara x'għandi u... ma sibt ebda ġirfa u lanqas nitfa' uġigħ. Indunajt li kelli l-laptu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni meħmuż mal-libsa ta' taħt, għax dejjem inżommu fuqi. Kien żgur permezz ta' dan il-laptu li l-Madonna salvatli ħajti jew għalinqas minn korriment serju. Jalla d-devoti tal-Madonna jilbsu dejjem dan il-laptu."

4. Rapport ta' Mary Rose Attard, minn B'Bugia: "Jien għandi triplets, tnejn bniet u tifel, illum għandhom tliet snin u nofs. It-tifel, Anselm, għadda sena sħiħa bid-deni u għalkemm kont nieħdu l-isptar ħadd ma nduna x'kellu. Meta ġie Mr. Bianchi u ra lit-tifel qalli biex intellgħu l-Ingilterra. Hemm ġie operat u Mr. Bianchi neħħielu tmien ġebliet minn ġol kilwa. Wara operazzjoni ta' ħames sigħat Mr. Bianchi ħareġ u stqarr: 'Dan it-tifel kellu minn jitlob għalih!'

It-tifla Noelene, kellha żaqqha dejjem tugagħha u ma setgħetx tagħmel pipì. Ommi ġabtiha l-Girgenti. It-tifla bdiet tgħid: "Għandi mimmi f'żaqqi; fejjaqni, Madonna!" It-tifla lanqas kienet tiekol. Kif ġiet id-dar, bdiet tiekol u ma kellhiex aktar uġigħ.

It-tifla l-oħra, Maria, kellha bżonn ta' operazzjoni fil-musrana. Kulhadd qata' qalbu minnha. Ġurnata qabel ma' t-tifla daħlet l-isptar, ommi ħaditha ħdejn il-Madonna tal-Girgenti; u kien hemm Ġuża Mifsud. Din qaltilha: "Kollox se jmur sew". Kien hemm mara li għolliet lit-tifla mal-kurċifiss il-kbir li kien hemm. L-operazzjoni saret u għalkemm it-tifla għaddiet għaxart ijiem fl-ITU. wara tliet ġimgħat ħarġet mill-isptar qawwija u sħiħa. Issa jonqosha operazzjoni fil-qalb. Għandna fiduċja kbira fil-Madonna li kollox imur sew."

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.